Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 54 / 2019

Il-Pulizja

Spettur Godwin Scerri

Vs

Frank Calleja

Illum 21 ta' Jannar 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Frank Calleja, detenur tal-karta tal-Identita Maltija bin-numru 329069 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-22 ta' Novembru, 2015 ghall-habta ta' bejn il-05:00hrs u l-05:20hrs bhala l-persuna responsabbli tal-istabbiliment bl-isem ta' Queens Head Bar, li jinsab fi Triq it-Tamar, San Pawl il-Bahar:

1. Haddem jew gieghel jew halla lil min ihaddem loud speaker, gramofon, amplifikatur jew strument bhal dawn, ghamel jew inkella gieghel jew halla li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqoghdu fil-qrib cioè lil Andrejs Vilks;

2. U aktar talli naqas li jhares xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-att jew xi kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha tkun suggetta licenzja;

3. U aktar talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 u dan skont sentenzi moghtija lilu mill-Magistrat Dr. Charmaine Galea LL.D. nhar it-13 ta' Novembru 2015 u nhar is-16 ta' Novembru 2015.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija titratta mal-imputat bhala recidiv u thassar il-licenzja jew tordna li l-licenzja tal-imsemmi hanut tigi mizmuma ghal dak iz-zmien li jidhrilha xieraq jew inkella tissospendi ghal xi zmien fid-deskrizzjoni taghha (Art 320 Kap 10, Art 20 Kap 441).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar tal-5 ta' Frar, 2019, fejn il-Qorti wara li rat artikolu 41 (2) (a) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta, artikolu 43 (1) (b) tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta, u artikoli 49 tal-Kodici Kriminali, iddikjarat lil Frank Calleja hati, bhala recidiv, tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' elf u mitejn mitt ewro (€1200) u ghal ammenda ta' hamsa u ghoxrin ewro (€25).

Il-Qorti ordnat wkoll lill-imputat ihallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta' seba' mija, wiehed u tletin ewro u sebgha u disghin centezmu (€731.97) u ghal dan il-ghan ordnat komunika ta' din is-sentenza lir-Registratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Frank Calleja, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-21 ta' Frar, 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **THASSARHA U TIRREVOKAHA** s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, u dan billi **TIDDIKJARAH** mhux hati taghhom u konsegwentement **TILLIBBERAH** minnhom; alternattivament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-aggravji tal-appellant jikkoncernaw l-apprezzament zbaljat li ghamlet l-Ewwel Qorti, tal-provi prodotti quddiemha, kif ukoll il-piena erogata fil-konfront tal-appellant.

A. **Apprezzament Zbaljat tal-Provi**

Illi jigi umilment sottomess bid-dovut rispett illi, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha stante' illi kien hemm diversi punti illi l-Ewwel Qorti ghazlet illi jew tinjorahom jew ma temminihomx jew inkella tassumihom minghajr ebda prova.

Illi l-appellant jaf li diversi drabi l-Qrati Maltin rritenew illi fl-appell il-Qrati ma jiddisturbawx l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. Kif ġie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Zammit) Vs Faical Mahouachi**':

*'Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil- konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il- provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is- sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**" ; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi**" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**" u ohrajn .)'*

Izda, ghalkemm il-gurisprudenza nostrana kemm il-darba tenniet illi l-Qorti tal-Appelli Kriminali ma ghandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi tal-Ewwel Qorti, dan ghandu jsir jekk dan l-apprezzament kien wiehed zbaljat, sabiex titwettaq gustizzja. Infatti, fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Antoine Agius** moghtija nhar it-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) moghtija mill-Imhallef Antonio Mizzi, il-Qorti tal-Appelli Kriminali rriteniet:

> *'Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-*

*konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha.* ***Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.'***

Illi jinghad illi l-appellant mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, w cioe *beyond reasonable doubt*.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-appellanti huma veri w dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-**

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:**

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi jigi rilevat illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'. Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kaz odjern jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'verzjonijiet differenti tal-fatti, ghal kollox kunfliggenti. Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller v Minister of Pension - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt':

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara** fejn gie spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

Illi inoltre jigi rilevat illi l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.

Illi l-imputat jinsab akkuzat li haddem speaker/gramofon/amplifikatur jew strument simili jew halla li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li dejjqu lil Andrejs Vilks. Jinsab akkuzat

ukoll illi naqas li josserva xi kundizzjoni tal-licenzja tieghu u wkoll illi kien sar ricediv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

**i) L-Ewwel Akkuza**

Illi fl-ewwel lok issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Raymond Spiteri</u>** [Qorti tal-Appell Kriminali, VDG, deċiża nhar l-20 ta' Novembru 1998] fejn il-Qorti rriteniet is-segwenti:

*"Illi pero l-ġestjoni ta' din l-attivita permezz ta' liċenza ma tfissirx li huwa jista' jopera mingħajr konsiderazzjoni xierqa għar-regoli tal-bwon viċinat jew mingħajr ma possiblment jinkorri fi ksur ta' liġi penali ordinarja fil-każ t'infrazzjoni ta' tali liġi sempliċiment għax huwa fil-pussess ta' liċenza".*

Illi inoltre jigi rilevat ukoll illi kwalunkwe licenzja ma tippregudika bl-ebda mod id-drittijiet ta' terzi persuni u dan anke kif enuncjat fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Anthony Cuschieri et</u>** [16th December 1946 by the Criminal Court of Appeal]

*"....għandu jqis bħala insita fil-liċenza, bla ebda bżonn li tiġI espressament enunċjata, illi l-użu awtorizzat għandu jkun skont, eżerċitat b'rispett u fil-limiti tal-liġi."*

Illi skont regolament 13 tal-Legal Notice 1 of 2006:

*13. (1) A licence shall be issued in the name of an individual personally or on behalf of a commercial partnership or company and the address shall be the address of the commercial premises.*

*(2) The licence shall be issued by reference to the applicable categories and types of the commercial activities according to the Development permit issued by the relevant authority.*

*(3) Without prejudice to any other provision of law applicable in relation to a commercial activity, a licence issued under these regulations shall be subject to the applicable conditions contained in the Second Schedule to these regulations*

Illi t-tieni skeda tal-Conditions for Carrying Out a Commercial Activity tipprovdi illi:

*The following conditions shall apply to all commercial premises whether unlicensed or licensed by any authority and regulated by any legislation.*

*02. The commercial activity carried out in the premises or things stored within the premises shall not:-*

*02.1 cause annoyance to neighbours;*

*02.2 be likely to occasion any fire or explosion;*

*02.3 emit exhalation, fumes, vapours, gases, dust or emit noxious or offensive odours into the atmosphere that may cause damage or are injurious to health;*

*02.4 cause annoyance by way of noise*

*04. Any commercial activity which carried out from any premises or outside a premises is regulated under these regulations.*

…

*09. "No Commercial Activity located in an urban area can generate noise that can be heard from outside the premises that causes annoyance and disturbance to neighbours by playing of music by live bands or amplified music or other means between the hours of 11.00 p.m. and 9.00 a.m. of the following day".*

Illi inoltre l-appellant jaghmel referenza estensivament ghas-sentenza fl-ismijiet **The Police vs Salih** Usta [deciza 31 ta' Lulju 2018] fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali pprovdiet illi:

*It is the opinion of the Court that an inconvenience can be considered as an impediment depending on the case. It is true that not all inconveniences can be censored and punished before a criminal court. For this inconvenience to be punished before a criminal court it is has to be proven that it is a serious inconvenience in an objective manner , it has to be a substantial inconvenience and not just reasonable . Also the test that a Judge has to carry out should be an objective test although in cases where the noise is caused by noise the Court has to evaluate the evidence brought forward according to the witnesses brought forward who are complaining about such disturbance. It is left in the good hands of the judge who has to evaluate the evidence each case in concreto if such an inconvenience as envisaged by the legislator subsists and it is not usual that a technical expert should be appointed.*

*With regards to the legal definition that should be attributed to the word 'inconvenience' the Court makes reference to a judgment delivered by this same Court when presided by Judge William Harding in the names Il-Pulizija vs. Anthony Cuschieri et,) since this is important for the determination of the case .*

*That Court held that an inconvenience that is caused by the playing of loud music can be considered as a molestation in the sense of civil matters. However, criminalibus, the established limit should not be that applied in civil cases in other words that the inconvenience is such as has to be above the level that is accepted by the bon vicinat which in normal cases should be respected. In the criminal field, there is need that the facts constitute a substantial inconvenience and material discomfort.*

*In this regard therefore the inconvenience should be one that is 'grave' and 'not easily tolerated' as commented upon in the judgment in the names Meli vs Calleja decided on the 5th February 1908 also mentioned in this same case.*

*Besides the same inconvenience has to be one that is considered to be continuous and intense. If these elements do not concur then such an act would not fall under the remit of a penal sanction and this because otherwise would also be applicable to slight inconvenience which could possibly render social life difficult.*

*Judge Harding makes reference to the English Judge whilst making reference to the judgement delivered in the names Bamford vs. Turnley where it was held that:-*

*"The compromises that belong to social life, and upon which the peace and comfort of it mainly depend, furnish an indefinite number of examples where some apparent natural right is invaded, or some enjoyment abridged, to provide for the more general convenience or necessities of the whole community".*

*…*

*The prosecution had to bring further evidence to the Court to prove that on the day in question the music that was played in the time frame that the law provides was of disturbance to the neighbourhood or to a number of neighbours for the test to be object. Otherwise, this court would be deciding the matter on a subjective test carried out by the Complainant who might have an*

*ulterior motive for filing such a complaint. Since the police were face with an allegation that whilst the complainant was at the police station there was loud music then they could have made an inspection and related back to the court about their findings. Something they failed to do. It should be in the interest of the police to check such reports and follow them up to reduce them and intervene to bring people in line with the law.*

Illi l-appellant jirrileva illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet hawn fuq imsemmija huwa ma setax jinstab hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi fl-ewwel lok l-appellant jirrileva illi l-hin indikat fl-akkuza kellu jkun b' referenza ghat-tieni akkuza u mhux ghall-ewwel akkuza. Illi fil-fatt, jigi rilevat illi skont il-parte civilee l-istorbju kien wara nofsilejl u mhux bejn il-hamsa u l-hamsa u ghoxrin tant li f' dawn il-hinijiet meta l-Puluzija mar fuq il-post ma semax storbju. Illi fil-fatt, il-hin ta' bejn il-hamsa u l-hamsa u ghoxrin jirreferi ghat-tieni akkuza u cioe illi kiser xi kundizzjoni tal-licenzja izda mhux ghall-istorbju. Illi dan ifisser ghalhekk illi huwa ma jistax jinstab hati tal-ewwel akkuza stante illi hem hin indikat hazin.

Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-artiklu 360 (2) tal-Kodici Kriminali:

*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandujkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza,* ***bil-partikularijiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw.*** *Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b' mandate tal-Qorti u mressqa quddiem l-istess Qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.*

Illi f' dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs. Ramon Mifsud et** deciza nhar it-23 t' April, 2012, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fejn il-Qorti pprovdiet is-segwenti:

*Illi b'applikazzjoni ta' dawn il-Principji ghall-kaz in ezami huwa car li l-imputati odjerni ma jistghux jinstabu hatja ta' l-imputazzjonijiet lilhom addebitati ghaliex dawn jirreferu ghal fatti li suppost sehhew fid-29 t' Ottubru, 2009 fil-hdax ta' filghaxija meta il-provi li ngiebu quddiem din il-Qorti jirreferu ghal fatti li sehhew fid-29 t' Ottubru, 2009 fit-tlieta u nofs ta' filghodu. Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputati hatja ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti u tilliberahom minnhom.*

Iili ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs John Mary Briffa</u>** deciza nhar it-18 t' ottubru, 2005 fen il-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri sahqet illi:

*L-aggravvju principaali ta' l-appellant huwa fis-sens li l-Ewwel Qorti ma setghet qatt issibu hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu stante li tali imputazzjoni hija wahda li fiha hemm indikat mhux biss il-gurnata izda hemm ukoll hin partikolari, u cioe' 'ghall-habta tas-7.30pm', mentri mill-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jirrizulta illi dak li allegatament sehh fil-fatt gara 'ghall-habta tas-7.30am'. L-appellant ghandu ragun. Din il-Qorti semghet ix-xhieda u minn dak li qalu jirrizulta li dak li qed jigi allegat li ghamel l-appellant gara filghodu u mhux filghaxija.*

*L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax il-siegha wara u l-Ewwel Qorti hekk sabet lill appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif filfatt insab. Il-frazi 'ghall-habta ta'' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax il-siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportune tempestivament.*

Illi di piu l-appellant jirrileva illi mhuwiex vera illi kien hemm il-muzika qieghda tindaqq u dan peress illi meta mar il-Pulizija u cioe PS 914 fuq da nil-post dan ma sabx muzika qieghda tindaqq u allura jirrizulta illi r-rapport tal-parte civile kien wiehed fieragh bhar-rapporti l-ohra tieghu. Illi kieku hemm il-muzika l-pulizija li mar fuq il-post kien se jismaghha bhalma semgha l-parte civile.

Illi inoltre jigi rilevat illi l-appellant cahad illi kien hemm muzika ghaddejja f'dawk il-hinijiet fejn huwa spjega b'mod car u bil-gurament tieghu [ghalkemm seta' ma jixhidx stante illi hija l-prosekuzzjoni illi trid tipprova l-kaz taghha] illi mhux talli ma kienx hemm muzika talli l-Pulizija baqghu sejrin bhalma jaghmlu s-soltu ghax fil-verita' huwa ma jkollux muzika ghaddejja. Illi fil-fatt huwa jispjega illi:

*<u>Difiza</u>: Mela, tista' tispjega dak iz-zmien tal-Pulizija x'kont taghmel inti, x'kellek? Ghax illum il-gurnata m'ghadekx filfatt.*

*<u>Xhud</u>: Kelli l-bar, il-Queen's Head Pub, il-Qawra.*

…

*Difiza: Minn April. All right. Mela, u ovvjament taf biex qieghed akkuzat. Qed akkuzat li kont qed taghmel inti allegatament xi storbju. Tista' tispjega s-sitwazzjoni x'kienet?*

*Xhud: Hemmhekk ma jkunx hemm storbju. Hemmhekk hu bar jigifieri n-nies ikunu anzjani, dawk it-tip ta' kolla sixty u 'l fuq u dawk ma jhobbux muzika. Ikun hemm muzika baxxa hux gol-bar.*

*Difiza: Muzika baxxa.*

*Xhud: Muzika baxxa.*

*Difiza: Ehe U kif inhu l-bar tieghek? Ghandek xi?*

*Xhud: Ijja hemm bieb biex tidhol, double glazing imbaghad gewwa hemm bieb iehor jinghalaq ikun maghluq. Qisu jigi tohrog. Fih zewg bibien biex tohrog barra.*

*Difiza: Fih zewg bibien.*

*Xhud: Fih zewg bibien iva.*

*Difiza: U l-ewwel bieb qed tghidilna bid-double glazing?*

*Xhud: Ijja.*

*Difiza: Bid-double glazing. All right. Issa, ghandek xi oggetti ohra minhabba s-sound ukoll fil-bar biex jitnaqqas l-element tas-sound?*

*Xhud: Is-sound ma jkunx hemm sound ghax il-bar mhux taz-zghazagh. Dawk ma jhobbux. Ikun hemm muzika baxxa gol-bar.*

*Difiza: Ghall-atmosfera.*

*Xhud: Tkun tista' titkellem go fiha.*

*Difiza: Ghall-atmosfera biss.*

*Xhud: Tkun tista' titkellem.*

*Difiza: Mhux bhal disco jigifieri.*

*Xhud: Le le le le. Le.*

*Difiza: Ma jkollokx dawk it-tip ta' discos u hekk.*

*Xhud: Le.*

*Difiza: All right. U minn x'hin sa x'hin il-hinijiet tal-ftuh?*

*<u>Xhud</u>: Il-ftuh niftah f'nofsinhar, kont niftah f'nofsinhar jiena u skont, fix-xitwa gieli ghalaqt fil-hdax, gieli ghalaqt qabel, gieli ghalaqt f'nofsillejl fix-xitwa. Fis-sajf indumu ftit iktar.*

*<u>Difiza</u>: U dan inti bil-permess kont?*

*<u>Xhud</u>: Bil-permess iva.*

*<u>Qorti</u>: Xi haga ohra?*

*<u>Difiza</u>: Kien hemm xi rapporti li kont qed taghmel xi storbju. Gieli gew il-Pulizija fuq il-post? Kellmuk jew kellimthom inti?*

*<u>Xhud</u>: Il-Pulizija gew. Gew ftit drabi u gew anke ghalxejn jghiduli. Gieli nkun qed naghlaq jigu, jghiduli "isma' rrapurtawk".*

*<u>Difiza</u>: Jergghu jirrappurtawk.*

*<u>Xhud</u>: Jergghu jirrappurtawk. Nghidlu "qed naghlaq, sejjer 'l hemm, ha nitlaq".*

*<u>Difiza</u>: Kienu jsibuk maghluqin jigifieri jkunu ghadhom kemm irrappurtawk.*

*<u>Xhud</u>: Le nkun ha naghlaq hux. Inkun ha naghlaq. Inkun jigifieri mitfi ha nitlaq 'l hemm.*

*<u>Difiza</u>: All right. Xejn izjed.*

Illi inoltre l-appellant mhux biss xehed hu izda sahansitra tella' xhud in sostenn u cioe' gar [neighbor] tal-bar fejn ikkonferma illi hu ghalkemm joqghod ezatt hdejn il-bar in kwistjoni huwa qatt ma sema' storbju u muzika kif qieghed jallega l-parte civile. Illi fil-fatt Ivan Zahra ikkonferma dan kollu bil-gurament tieghu fil-xhieda illi huwa taha:

*<u>Ivan Zahra, prodott mid-difiza, bil-Malti u bil-gurament tieghu jghid</u>:*

*<u>Difiza</u>: Inti lis-sinjur tafu l-ewwel haga?*

*<u>Xhud</u>: Mhm.*

*<u>Difiza</u>: Kif tafu? Spjegalna.*

*<u>Xhud</u>: Kont nahdem mieghu. Ghandu bar hdejja wkoll.*

*<u>Qorti</u>: Ghandu l-bar hdejk?*

*<u>Xhud</u>: Ehe.*

*<u>Difiza</u>: Inti fejn toqghod l-ewwel haga?*

*Xhud: Il-Qawra.*

*Difiza: Il-Qawra. Fejn kellu l-bar is-sinjur?*

*Xhud: Fejn ghandu l-bar ehe.*

*Difiza: Meta tghid bar hdejh jigifieri fuqu, tahtu, hdejh?*

*Xhud: Bieb ma' bieb.*

*Difiza: Bieb ma' bieb. Issa s-sur Frank qed jigi akkuzat li kien ikun hemm xi storbju fil-bar. Inti x'tista' tghidilna? Inti tghix hemmhekk kuljum, int id-dar tkun.*

*Qorti: Ghadek tghix hemmhekk inti?*

*Xhud: Ghadni nghix ehe.*

*Qorti: U fl-2015 u '16 hemmhekk kont tghix ukoll?*

*Xhud: Mhm.*

*Difiza: X'tista' tghidilna fuq l-istorbju? Gieli smajt xi storbju inti?*

*Xhud: Ma nismax storbju. Ma jdejjaqnix. Jigifieri mhux qed nisma' xejn.*

*Difiza: Ma kont tisma' xejn dak iz-zmien.*

*Xhud: U ghadni s'issa ma nisma xejn.*

*Difiza: U ijja imma issa mhux mertu tal-. U jigifieri qatt m'ghamilt xi rapporti inti hux hekk lill-Pulizija?*

*Xhud: Le.*

*Difiza: Bhala apparti minn hekk int qatt ma kellimtu lis-sur Calleja fuq xi storbju mela xejn hux hekk?*

*Xhud: Le xejn xejn xejn.*

*Difiza: Tafhom il-hinijiet tal-ftuh tieghu ta' fi x'hin kien jiftah jew hekk?*

*Xhud: Lanqas naghti kas. Ghax ma nismax storbju lanqas inkun naf.*

*Difiza: Inti tkun id-dar imma hux hekk?*

*Xhud: Id-dar iva.*

*Difiza: All right.*

Illi umilment jigi rilevat illi b'differenza tal-appellant illi gab xhud in sostenn sahansitra biex jikkonferma n-nuqqas ta' storbju u l-muzika, il-parte leza ma gab lil hadd illi jikkonferma dak li kien qieghed jilmenta minnu nonostante illi hu stess ikkonferma illi joqghod f'blokka ta' appartamenti bin-nies go fihom. Illi wiehed ta' min jinnota illi r-rapporti saru mal-Ufficjali tal-Pulizija mill-parte civile **biss** u hadd iktar nonostante illi f'dik l-area joqghodu hafna iktar nies fosthom ix-xhud illi ngab mill-appellant illi kkonferma u kkorrobora l-verzjoni tal-appellant u cioe' li ma kienx hemm storbju.

### ii) It-Tieni Akkuza

Illi din l-akkuza tirrigwarda illi l-appellant kiser xi kundizzjoni li ghaliha tkun suggetta tali licenzja. Illi jigi rilevat illi huwa nstab hati ta' din l-akkuza stante fid-data u l-hin tal-imputazzjoni l-appellant qua l-persuna licenzjata kien qieghed jikser il-kundizzjonijiet tal-licenzja billi ippermetta li l-hanut jibqa' miftuh ghan-negozju wara l-4 ta' filghodu mentri l-licenzja tintitolah li jibqa' miftuh ghan-negozju biss sa l-4 ta' filghodu.

Illi l-appellant umilment jirrileva illi din l-akkuza inghatat stante illi meta PS 914 mar fuq il-post ghalkemm ma sabx muzika qieghda tindaqq huwa qal li sba il-hanut miftuh u kellu xi nies gewwa. Illi izda fil-kamp kriminali da nil-fatt biss mhux bizzejjed biex tirrizulta din l-akkuza. B' kull rispett il-prosekuzzjoni naqset milli ggib provi in sostenn ta' din l-akkuza fis-sens illi ttella' jixhdu n-nies li kien ghad hemm gewwa fil-hanut u dan sabiex jikkonfermaw x' kienu qed jaghmlu u min kienu dawn in-nies [forsi kienu familjari] fejn shansitra lanqas biss nafu kemm kien hemm nies. Il-Pulizija naqas ukoll milli jghidilna x' kien qed jaghmel l-appellant u fejn kien u cioe ezempju jekk il-bar kienx ghadu miftuh. Illi inoltre ghalkemm il-Pulizija jghidilna li l-post kien miftuh imam ma jiddeskrivix kif kien miftuh jigifieri jekk kienx miftuh ghan-nies fejn il-Pulizija qabad u dahal jew lilu fethulu peress illi identifika ruhu bhala Pulizija.

Illi ghalhekk anke fir-rigward ta' din l-akkuza l-apellant ghandu jigi liberat.

### iii) L-Addebitu tar-Recidiva – it-Tieni Akkuza

Illi l-appellant jirrileva umilment illi stante illi huwa qed jikkontendi illi ghandu jigi liberat mill-akkuzi precedenti allura l-addebitu tar-recidiva mghandux jissussisti u ghalhekk ghandu jigi wkoll liberat minn tali addebitu.

Illi inoltre u insubsidium jigi rilevat illi anke jekk jinstab hati tal-akkuzi l-ohra xorta l-addebitu tar-recidiva mghandux jissussisti u dan peress illi ghalkemm gew esebiti sentenzi illi juru l-konnotati tal-appellant mghandiex il-prova mehtiega u cioe lil hinn minn kull dubju dettatt mir-raguni illi tali sentenzi huma finali jew res judicata fis-sens illi ma sarx appell minnhom. Illi ghalhekk mghandiex ic-certezza illi dawn is-sentenzi huma finali u res judicata.

**B. <u>Piena Erogata</u>**

Illi minghajr pregudizzju ghal dak kollu suespost, l-appellant qieghed jinterponi dan l-appell ukoll mill-piena erogata fil-konfront tieghu mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi l-esponent umilment jirrileva illi l-piena moghtija hija wahda eccessiva u dan tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz odjern fejn illum il-gurnata l-appellant lanqas biss ghadu jopera l-hanut in kwistjoni u liema reati sehhew kwazi erba' snin ilu.

Illi in linea generali jibda biex jinghad li skont ma qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef:

*l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil- kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid- diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-

parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il- bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Ghalhekk, in vista ta' dak kollu suespost, l-esponent umilment jirrileva illi il-piena erogata fil-konfront tieghu kellha tkun aktar ekwa u gusta.

Rat l-affiavit ta **PS 914 I Mifsud** prezentat fl-atti fejn spjega li nhar it-22 ta Noembru 2015 ghall-habta ta' 05.20 a.m Andrejs Vilks irraporta gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Qawra li hua ighix faccata il Queens Head Pub u ilu ghal dawn l-ahhar xhur jigi imdejjaq bil-volum tal-muzika gholi li tibqa tindaqq sas-sieghat bikrin ta filghodu u storbju tan-nies li jkunu jixorbu gewwa l-imsemmi hanut. Qa ukoll li bl-istornju li kien hemm specjalment fi tmiem il-gimgha ma kienx jista' jorqod sew. Qal ukoll i sa dak il-hin kienet ghadha ghaddejja il-muzika.

Andrejs Vilks qal ukoll i kellu filmati bis-soun ta diversi granet u dawn ser jippresenthom il-Qorti.

Huwa mar mill-ewwel fuq il-post u sab li l-imsemmi stabiliment kien ghadu miftuh b'divei nies kienu ghadhom fuq gewwa jixorbu izda il-muzika ma kienitx qed tindaqq, Huwa tkellem mal-pesuna responsabbli cioe l-appellant u dan qal li l-girien qed jaqbdu mieghu kintinwament u ma kienux qed ihalluh jaqla' lira bis-sewwa.

Fis-7 ta' Marzu 2016 xehed il-kwerelant **Andrejs Vilks** u dan esebixxa zewg dokumenti AV1 u AV2 konsistenti f'dettalji dwar l-incident tal-musika rigward l-fond in kwistjoni u CD li giet immarkta bhala dok AV3. Spjega li kul jumejn icempel lill-pulizija minhabba il-muzika gholja li jkun hemm wara nofs il-lejl. Qal li l-muzika li jindaqq wara nofs il-lejl jinsetma sa distanza ta' hames mitt metru u huwa impossibli li bniedem jorqod . Qal li ilu jghix fl-appartament Sunrise court, Triq it Tamal, Qawra faccata il-Bar ghal dwan l-ahhar sentejn izda il-problema kienet bdiet xi sena qabel ma ta x-xhieda tieghu. Bejn il-flat tieghu u l-bar hemm distanza ta' cirka 20 jew 25 metru. Il-blokka tikkonsisti f'erbgha jew hames sulari u kul sular hemm sitt appartamenti.

**Dr Michael Camilleri** in rappesntanza ta' Malta Tourism Authority xehed nhar is-7 ta' Marzu, 2016[1] u esebixxa l-licenzja tal-fond Queens Head Pub, Triq it Tamal Qawra, San Pawl il Bahar. Il-licensee huwa Frankie Calleja u bhala kondizzjoni ghadnu li jsita izomm il-bar miftuh sal-4.00a.m izda jista idoqq il-musika sal-11.00apm u dan b'effet mill-1 ta' Awwissu 2007. Ghandu ukoll licenzja[2] sabeix idoqq 'background music' sal-11.00p.m

Rat l-okkorenz mehuda minn PC 902 Karol Spiteri esebita fl-atti a fol. 18.Minn esami ta din l-okkorenza jirrizulta li Andrejks Vilks kien irraporta nhar it-22 ta' Novembru 2015 ghall-habta ta 05.20 a.m ma setax jorqghod minhabba musika b'volum gholi li ien qed jindaq fil bar Queens Head Pub. Il-kwerelant stqarr ukoll li l-appellant m ghandux jinghta permess biex jopera ghaliex kien qed idejjaq niex li ighixu f korp ta bini fil-vicin. Il-Pulizija marret fuq il-post u sabet il bar miftuh bi ftit klijenti go fih izda minghajr ebda muzika tindaq. Il Pulizija tkelmet mal-appellant u dan stqarr li kien ilu li tefa' l muzika sabiex jobdi l kundizzjonijiet tal permess tieghu pero l-girien tieghu kienu qed ighamluhielu difficli .

Rat is-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudkatura Kriminali fl-ismijiet premessi[3] nhar it-13 ta' Novembru 2015 nhar is-16 ta Novembru 2015[4]

Rat illi nhar is-7 ta Marzu 2016 id-difiza tablet in-nomina ta' espert tekniku sabiex jikkalkula d-distanza bejn il-bar tal-appellant u r-residenza tal-kwerelant u kif ukoll sabiex jaghmel ezami tal-hsejjes li johorgu mill-bar tal-appellant bis-sistema ta' amplifikazzjon fl-oghla livell taghha.

Il-Qorti laqghet it-talba u innominat lil Perit Mario Cassar sabiex jespleta dan l-inkarigu u l-espert gie awtorizzat sabex imur fil-post in kwistjoni minghajr pre avviz lill-appellant.

Illi nhar is-26 ta' Jannar 2017 deher l-espert **Perit Mario Cassar** u pprezenta ir-relazzjon tieghu li giet mrakata bhala dok MC u dan kkonkluda li l-hsejjes irrekordjati waqt it tehid tar-reaadings jikkostitwixxu fastidju/disturb ghal parte civile . Qal ukoll li dan id-disturb

[1] Fol. 15
[2] Fol. 17
[3] Fol. 20
[4] Fol 24

huwa kontinwu u dan sakemm tibqa' tindaqq il-muzika f'livell gholi. Ikkonferma li kien hemm reading ta' 89dBA u l-gallerija tal-kwerelant tinsab 23 metru l boghod mill-hanut.

L-appellant **Frank Calleja** xehed minn jeddu u b'mod volontarju u kkonferma li fiz-zmien tal-akkuzi huwa kellu l-Queens Head Pub, il-Qawra pero illum m'ghadux ghandu. Cahad li kien ikun hem mstorbju fil-hanut tieghu. Spjega li n-nies li jkun hemm fil-bar huma anzjani li ghandhom sittin sena 'l fuq u dawk ma ihobbux il-muzika. Jghid pero li muzika ikun hemm pero baxxa. Qal li huwa ghadu bieb *double glazing*. Hemm zewg bibien biex tohrog. Cahad li jkun hemm muzika bhat tip ta' disco. Qal li huwa jiftah ghal-habta ta' 12.00p.m u fix-xitwa gili ghalaq fil-11.00pm u gili qabel u gili ghalaq f'12.00a.m Pero jghid li fis-sajf idum aktar. Qal li l-pulizija gili marru ghandu jiccekjaw u gili iisbuh qed ighalaq u ighidulu li jkun hemm min ghamel rapport dwaru.

**Ivan Zahra** prodott mid-difiza ighid li lill-appellant jafu ghaliex kien jahdem mieghu u fil-fatt ghandu bar hdejh. Huwa joqghod bieb ma bieb mal-bar. Mistoqsi jekk kienx jisma storbju jghid ghall-ewwel li ma kienx jisma xejn u jghid ukoll li ma idejqux. Ikkonfermat pero li rapport qatt ma ghamel. Mistoqsi jekk jafx il-hinijiet ta ftuh tal-bar ighid li ma jghatix kaz. Jghid li huw aikun id-dar izda storbju ma jismax.

Ikkunsidrat.

Illi fl-aggravji imressqa mill-appellant, huwa jikkritika l-apprezzament tal-provi maghmula mill-Ewwel Qorti u dan meta jghid illi ma kien hemm l-ebda prova sodisfacenti li fid-29 ta' Novembru 2015 ghall-habta tas-1.00a.m kien hemm muzika amplifikata fil-fond tieghu ghaddejja. Din il-Qorti tirribadixxi illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun

raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[5].

Illi l-prosekuzzjoni resqet bhala xhud lill-pulizija PS 914 I Mifsud, fejn dan ikkonferma fl-affidavit tieghu li huwa mar jinvestiga rapport li kien sar l-ghassa minn Andrejs Vilks li stqarr li fil-fond Queen Head pub kien qed jindaqq muzika b'volum gholi. Huwa mar fuq il-post ghall-habta tal-05.00a.m u kkonferma li l-hanut kien ghadu miftuh bin-nies go fih izda ma kienx hemm muzika qed tindaq. Jirrizulta ukoll li l-istess pulizija tkellem mal-appellant u qallu li kienu ser jinhargu l akkuzi u l-appellant qallu li kien ilu li tefa l muzika pero l- girien kienu qed jaqbdu mieghu.

Meta l-appellant xehed fl-ebda hin ma cahad dak li qal il-pulizija PS 914 I Mifsud izda stqarr li bhala regola ma idoqqx muzika amplifikata ghaliex huwa bar li jigi frekwentat minn anzjani u li ghalhekk idoqq biss *back ground music.* Pero ighid li huwa minnu li gili l-pulizija imorru jivverifikaw ir -rapport li ikollhom u gili isibuh qed ighalaq u jghidulu li ser johorgu xi charges fil-konfront tieghu.

Il-prosekuzzjoni esebiet kopja tal-licenja mahruga mill-MTA u jirrizulta li fil-jum tal-akkuza l-appellant kien il-licensee u jirizulta ukoll li huwa ghandu licenzja sabiex idoqq *back ground music* sal 11.00p.m u li l-hanut jista' jibqa miftuh sal-04.00a.m minkejja li dan kien miftuh fil-05.00a.m kif kkonfemra PS 914 I Mifsud

Jirrizulta ukoll li l-appellant huwa recidiv u li fil-fat huwa diga intab hati diveri drabi ta 'l-istess tip ta' reati kif jirrizulta mis-sentenzi esebiti fl-atti a fol. 20 et seq pero cio nonnostante rega qieghed quddiem il-Qorti akkuzat bl-istess tip ta' reati li jikkoncernaw daqq ta' musika fil-fond Queens Head Pub wara il-11.00p.m. u ftuh tal fond wara l-04.00a.m meta skond il-licenzja dan hu permess al-04.00a.m

---

[5] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Illi mix-xhieda ta' l-espert Perit Mario Cassar jirrizulta ukoll li fil-fatt fil-fond kien hemm muzika amplifikata li tista' tindaqq tant li tiggenera sa 98 dBA fil-fond minkejja li l-appellant qal li fil-fond muzika gholja ma idoqqux u li l-muzika li tindaqq hija biss *back ground music.*

Dwar il-quantum tal-multa li l–ewwel Qorti ikkundannat lill-appellant ihallas jirrizulta li din taqa' fil-parametru ta' dak li titabilixxi il-ligi anzi lejn il-minimu taghha essendo recediv. Jirizulta li fil-fatt ma jidhirx li l-multa giet inflitta bhal xi vendikazzjoni izda jirrizulta li minkejja id- diversi kundanni li kellu l-appellant dan webbes rasu u pperista fil-kommissjoni ta' reati ohra ta' l-istes natura tant li illum jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-appellant ghandu jitqies bhala recidiv kif effetiament stqarret ukoll l-ewwel Qorti u dan minkejja li l-ewwel Qorti ghogbitha tinfligi piena lej il-minimu.

Illi l-Qorti thoss li x-xhieda moghtija minn PS 914 I Missud ghandha aktar mis-sewwa u fil-fatt lanqas biss giet kontradetta jew michuda mill-appellant meta ha l-pedana tax-xhieda. Jirizulta ghas-sodisfazzjon tal- Qorti li l-appellant nhar it-22 ta' Novembru, 2015 ghall-habta tal-5.00a.m kien miftuh ghal parruccjani tant li kellu in- nies gewwa meta l-ufficcjal ghamel spezzjoni fis- sieghat bikrin ta' filghodu u cioe fil-05.00a.m Jirizulta li dak il-hin ma kienx qed jindaqq muzika pero Andrjes Vilks jghid li kien hemm muzika gholja ghaddej il-lejl kollu. Illi pero ma giex provat ghas- sodisfazzjon tal- Qorti li proprju bejn il-05.00a.m u 05.20m u cioe l-indikat fil-komparixxi, kien qed jindaqq il-muzika b'volum gholi.

Illi pero' it-tieni akkzua tirrizulta pprovata b'mod sosisfcenti u dan ghaliex l-appellant ma osservax il kundizzjoni tal-licenzja tieghu u cioe' li jghalaq il-fond fl-04.00a.m u dan qed jinghad ghalex meta l-pulizija PS 914 mar fuq il-post fil-05.00a.m il fond kien miftuh bil-klijenti go fih.

In vista ta' dak rapporat aktar il-fuq din il-Qorti ghalhekk qeda tilqa' l-appell tal-appellant in kwantu qed tilqa' l aggravju dwar l-ewwel akkuza u dan peress li fil-fehma taghha ma gietx provata u ghalhekk qeda tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel akkuza u minflokk tilliberah minnha. Pero qeda tikkonfermaha fir -rigward tal -kumplament u cioe fir -rigward tat tieni akkuza stante li l-fod Queens Head Pub instab miftuh ghall-habta tal-05.00a.m nhar it-22 ta' Novembru,

2019 meta skond il-licenzja mahruga mill MTA huwa jista izomm il-hanut miftuh sal-04.00a.m u in oltre qed issibu hati ukoll talli hu recidiv in vista tas-sentenzi esebiti fl-atti.

Il-Qorti qeda tikkonferma il-piena inflitta u cioe' l-imposizjoni tal-multa fl-ammont ta' elf u mitejn euro (€1,200) u mhix ser tordna modifika fl-ammont tante li minkejja li l-appellant hu recediv l-ewwel Qorti imponiet il-multa lejn il-minimu taghha. Il-Qorti qed tikkonferma l-multa inflitta pero' qeda taghti fakolta lill-appellant sabiex ai termini tal-artikolu 14 (2) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ihallas l-multa f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin euro (€50) l-ewwel pagament dovut mhux aktr tard mill-31 ta' Jannar 2020.

F'kaz li l-appellant jaqa' moruz f'xi paggament il-bianc restanti jigi konvertit f'terminu ta' prigunerija.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur